Mellieħa

24 ta' Ottubru 2024

# ID-DISA' KUNSILL

**AĠENDA Numru 5**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għas-seduta tal-Kunsill Lokali numru **5** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar il-Ħamis 31 ta' Ottubru, 2024 fil-5.30 pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

5.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

5.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

5.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

5.4. Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

5.5. Mozzjoni dwar l-iffirmar ta' memorandum ta' ftehim mad-Diviżjoni tal-Indafa u l-Manutenzjoni li jipprovdi għal servizzi ta' tindif ta' toroq urbani;

5.6. Sejħa għall-offerti dwar il-kiri ta' *double cab pick*-up għal użu mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill;

5.7. Sejħa għall-offerti iż-żamma u manutenzjoni ta' parki u ġonna;

5.8. Inġagg ta' uffiċjal/i klerikali fi Skala 15;

5.9. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill;

5.10. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi;

5.11. Kunsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

5.12. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

**MOZZJONI**

**5.5. Mozzjoni mressqa mis-Sindku G. Micallef illi tgħid:**

"Billi l-kuntratt li jipprovdi għat-Tindif ta' Toroq Urbani, intemm it-terminu tiegħu, kif ukoll saret sejħa għall-offerti MLC 4/2023, li għalija wieġeb offerent wieħed;

Billi wara l-iskada il-kuntratt preċedenti, il-Kunsill irrikorra għas-servizzi mogħtija mid-Diviżjoni tal-Indafa u l-Manutenzjoni skont ma' jippermetti l-artiklu 39 tal-Att Dwar Gvern Lokali (Kap. 363);

Billi l-Kunsill iddiskuta dan is-suġġett f'diversi seduti, kif ukoll segwa l-andament tas-servizzi li rrendiet it-Taqsima tal-Indafa u l-Manutenzjoni, kif ukoll ra l-makkinarju għad-dispożizzjoni tal-istess Diviżjoni;

Billi qabel l-iskadenza tal-ftehim temporanju mal-Diviżjoni, iż-żewġ naħat iddiskutew termini ġodda bil-għan li l-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jevalwa l-għażliet li għandu quddiemu dwar jekk għandux ikompli bis-servizz mad-Diviżjoni, jew jitkompla l-proċess tal-evalwazzjoni tal-offerta msemmija li saret minn entità privata.

Billi l-ftehma ġenerali tal-Kunsill hija illi servizz li ngħata mid-Diviżjoni kien wieħed affidabbli u risponsiv għall-esiġenzi li jinqalgħu;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jitwaqqaf il-proċess tas-sejħa pubblika MLC 4/2023, filwaqt li jiġi ffirmat memorandum ta' ftehim kif rivedut mid-Diviżjoni tal-Indafa u Manutenzjoni, skont l-abbozz mgħoddi lill-Kunsill fit-22 ta' Ottubru 2024, mehmuż ma' din il-mozzjoni.". (T/4/5/Vol IV)

Gabriel Micallef
**Proponent**

Rebecca Bartolo Cutajar
**Sekondant**